# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' April 2025**

**Numru: 1**
**Rikors numru: 814/2014/1 NC**

Ordni ta' referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell bejn:

**Dr Shaheryar Ghaznavi fil-kapaċità tiegħu ta' prokuratur speċjali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja**

**v.**

**Dr Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut li b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2014 ġew appuntati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi magħruf ukoll bħala Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi, li hu magħruf ukoll bħala Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi li hu magħruf ukoll bħala Dr Muatasimballah Abumi,**

**u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2015 l-Avukat Charilos Oikonomopoulos assuma l-atti ta' dawn il-proċeduri fil-kapaċità tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, u limitatament sa fejn kienu qegħdin jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmija Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, il-ħatra tal-Kuraturi Deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut ġiet revokata *contrario imperio***

**u**

**Capital Resources Limited (C 50047) għal kwalsiasi interess li għandha jew li jista' jkollha fil-proċeduri odjerni u**

**b'nota tal-20 ta' Marzu 2015, Dr Charilos Oikonomopoulos assuma l-atti f'isem Capital Resources Limited bħala Kuratur Deputat**

1. Il-partijiet f'din il-kawża ċivili huma l-Istat tal-Libja bħala l-attur, filwaqt li l-konvenuti huma kuraturi li nħatru mill-qorti sabiex jirrappreżentaw il-wirt ta' Mutassam Gaddafi, mandatarju ta' omm il-mejjet bħala waħda mill-werrieta preżuntivi tiegħu, u l-kumpanija Capital Resources Limited (C50047) reġistrata f'Malta.

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Art.1(1) tar-Regolament (KE) nru 864/2007 tal-Parlament Ewrope u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II).

<u>In-natura tal-kawża</u>.

3. B'din il-kawża li l-Istat tal-Libja fetaħ fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-17 ta' Settembru 2014 qiegħed ifittex dikjarazzjoni li l-ġid tal-mejjet li jinsabu f'Malta f'ismu jew f'isem terzi, kienu qegħdin jinżammu bi ksur tal-Liġijiet tal-Libja u għalhekk għandhom jingħataw lill-Istat tal-Libja, inkluż li tawtorizza t-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà intimata Capital Resources Limited (C50047) lill-Istat tal-Libja.

4. Il-kuraturi wieġbu li m'għandhomx tagħrif dwar il-fatti u jirriżervaw li jippreżentaw tweġiba motivata ladarba jkunu jafu x'inhuma l-fatti.

5. L-Avukat Charilos Oikonomopoulos għal Safiya Ferkash Mohammed wieġeb li:

i. "Il-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni skont l-artikolu 742 tal-Kap. 12;
ii. Għandha tingħata prova li l-mandatarju li qiegħed jidher għall-Istat tal-Libja hu awtorizzat;
iii. Għandha tingħata l-prova li l-attur kellu l-istatus ta' Stat f'kull żmien u fin-nuqqas il-konvenut nomine għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;
iv. L-oneru tal-prova tal-liġijiet tal-Libja hu fuq l-attur nomine;
v. L-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;
vi. Fil-meritu hu kontestat li l-mejjet akkwista ġid illegalment;
vii. Is-sentenza li ngħata mill-High Court of Justice (Commercial Court) fid-9 ta' Marzu 2012 fl-ismiijet L-Istat tal-Libja u Capitana Seas m'humiex konnessi ma' din il-kawża u ma kinux jikkonċernaw lill-mejjet;
viii. Kull allegazzjoni għandha tingħata prova dwarha u l-pretensjonijiet tal-Istat tal-Libja huma infondati fil-fatt u fid-dritt;"

6. L-istess eċċezzjonijiet ingħataw mill-kumpanija konvenuta.

7. B’sentenza tat-23 ta’ Ottubru 2017 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-Avukat Oikonomopoulos *nomine*.

8. Imbagħad b’sentenza finali tat-28 ta’ Ġunju 2022 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet u t-talbiet tal-attur *nomine* billi:

> *“1. Tiċħad ir-raba’ (4) u l-ħames (5) eċċezzjoni ta’ l-Avukat Charilos Oikonomopoulos nomine u tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu li kienu għadhom mhux deċiżi u dana sa fejn kompatibbli ma’ din is-sentenza;*
>
> *2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut;*
>
> *3. Tilqa’ t-talbiet kollha tal-attur nomine hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf u tordna r-restituzzjoni tal-assi miżmuma f’isem Mutassam Gaddafi jew f’isem terzi u li jinsabu f’Malta lill-Istat tal-Libja, b’dana illi:*
>
> - *fir-rigward tat-tielet (3) talba, il-Qorti tinnomina lis-Certified Public Accountant Stephen Balzan sabiex jieħu miżuri kollha neċessarji sabiex jitwettaq dak ordnat f’din is-sentenza, u*
>
> - *fir-rigward tar-raba’ (4) talba, il-Qorti tinnomina lill-Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi u jidher fuq kwalsiasi ftehim rilevanti, dokumentazzjoni uffiċjali u/jew formoli uffiċjali biex jirrapreżenta kwalsiasi parti li tista’ tkun assenti kull fejn jirrigwarda materji relatati mat-trasferiment tal-ishma tas-soċjeta’ konvenuta Capital Resources Limited.*
>
> *Bl-imgħax skont il-liġi jitħallas minn l-Avukat Charilos Oikonomopoulos nomine u bl-ispejjeż kollha ta’ dawn il-proċeduri, inkluż dawk relatati mas-sentenza preliminari mogħtija fit-23 ta’ Ottubru 2017, jitħallsu minn l-Avukat Charilos Oikonomopoulos nomine b’dan li l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut u kif ukoll tas-Certified Public Accountant Stephen Balzan u ta’ l-Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar kif hawn fuq nominati għandhom jitħallsu provviżorjament mill-attur nomine.”*

9. Permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2022, il-konvenut Oikonomopoulos *nomine* appella miż-żewġ sentenzi fejn ilmenta in kwantu l-Ewwel Qorti:

i. Ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawża;

ii. Ċaħdet l-eċċezzjoni li l-kawża hija preskritta skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

iii. Ikkonkludiet illi t-talbiet attriċi kellhom jiġu milqugħa a bażi tal-applikazzjoni tal-Liġi Numru 10 tal-1973 (the Purge Law) kif ukoll il-Liġi Numru 3 tal-1986;

iv. Applikat il-liġijiet penali Libjani li ġew invokati mill-attur *nomine* għar-rimedji mitluba, kif ukoll dwar il-mod li applika u interpretat il-liġi Libjana għall-fatti tal-każ.

10. Għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Ottubru 2017 li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni sollevata mill-Avukat Charilos Oikonomopoulos nomine, prevja l-akkoljiment tal-istess eċċezzjoni sollevata minnu dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, u kwindi tilliberah mill-*

*osservanza tal-ġiudizzju, u fin-nuqqas ta' dan u subordinatament, din l-istess onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi tat-28 ta' Ġunju 2022 prevja l-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-istess appellanti u ċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine appellat."*

11. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-26 ta' Awwissu 2022 l-attur *nomine* wieġeb illi s-sentenzi appellati huma ġusti u jimmeritaw konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

12. Fl-1 ta' Settembru 2022 ippreżentaw ukoll risposta Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Peter Paul Sammut bhala kuraturi deputati in rappreżentanza tal-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi fejn fissru fejn u għalfejn ma jaqblux mas-sentenza appellata.

**Fatti**.

13. Il-fatti prinċipali li jirriżultaw mill-provi li ressqu l-partijiet huma dawn:

i. Il-konvenut Mutassam Gaddafi twieled fil-Libja fil-5 ta' Diċembru 1974[1] u kien ir-raba' iben tal-mexxej Libjan Muammar Gaddafi u l-konvenuta Safiya Ferkash Mohammed;

[1] Vol. I fol. 7, Vol. II fol. 323, Vol. VI 1023

ii. Wara li ggradwa minn Kulleġġ Militari[2] fit-30 ta' Awwissu 1998 kien appuntat uffiċjal mal-armata Libjana[3]. Fl-1 ta' Settembru 1999 ingħata promozzjoni ta' kaptan u b'riżoluzzjoni oħra maħruġa ftit jiem wara ġie promoss *lieutenant colonel*[4]. B'mod formali, dawn it-titoli ingħataw lil Gaddafi minn Presidenti esteri waqt żjara fil-Libja fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tar-Revoluzzjoni ta' Settembru. Madanakollu, kienu promozzjonijiet effettivi fl-armata Libjana[5];

iii. Bejn l-2003 u l-2004 Gaddafi rreġistra kumpanija f'Malta bl-isem ta' Mezen International Limited[6];

iv. L-aħħar salarju li l-konvenut Gaddafi rċieva mill-Armata Libjana kien f'Settembru 2005[7] fl-ammont ta' 356 dinar;

v. Skont dokumenti maħruġa mill-Armata Libjana, minn Settembru/Ottubru 2005[8] il-konvenut Gaddafi nħatar bħala *National Security Advisor* mill-*General Popular Committee*[9] u

---

[2] Vol. V fol. 1131
[3] Vol. IV fol. 987, 1000
[4] Vol. IV fol. 987, 1000, Vol. V fol. 1131
[5] Vol. VI fol. 978, Vol. V fol. 1131, 1132
[6] Vol. VI fol. fol. 854, 1022
[7] Vol. VI fol. 996, 998, 1000
[8] Għalkemm Mohamed Mustafa Sadri, Adviser tal-Armata, xehed (ara Vol. V fol. 1130) li l-konvenut Gaddafi ġie trasferit mill-militar għan-*National Security Council* fl-2007, it-traduzzjoni tad-dokument minnu esebit (ara Vol. V fol. 1159 – 1160) tikkonferma li l-ħatra ta' Gaddafi bħala *National Security Advisor* saret f' Settembru tal-2005
[9] Vol.VI fol. 1000, Vol. V fol. 1162

allegatament kien jitħallas mill-*General Popular Financial Committee*[10];

vi. Fis-17 ta' Awwissu 2009 kien promoss għar-rank ta' Brigadier / Ġeneral[11];

vii. Fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' April 2019 l-Avukat Charilos Oikonomopoulos xehed li l-konvenut Gaddafi sar attivament involut '*in Libya's affairs'* fl-2009/2010[12]. Jgħid li qabel dak il-perjodu Gaddafi kien jaħdem bħala negozjant u bħala tali jsiefer u mhux bħala rappreżentant tal-Gvern Libjan. Jinsisti li Gaddafi ma kellu ebda kariga fil-Gvern u l-ħatriet li kellu fl-armata mhumiex prova kuntrarja għaliex kważi kull raġel Libjan kien reġistrat fl-armata[13];

viii. Fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2019[14] l-Avukat Charilos Oikonomopoulos xehed li ħa żball meta qal li l-konvenut Gaddafi serva l-Gvern Libjan bejn l-2009 u l-2010[15]. Jgħid li Mutassam Gaddafi assuma r-rwol ta' *National Security Advisor* bejn l-2006 / 2007 sal-bidu tal-2010 iżda mbagħad irreżenja /

---

[10] Ara Vol. VI fol. 996, 1002
[11] Vol. IV fol. 987, 1000, Vol. V fol. 1133, 1162, 1163
[12] Vol. VI fol. 1054
[13] Vol. VI fol. 1055
[14] Vol. V fol. 1170 *et seq.*
[15] Vol. V fol. 1173

tkeċċa għaliex kellu xi jgħid ma' missieru u wara ġie Malta għal xahar. L-istess xhud jgħid li ftit ta' żmien wara r-relazzjoni ma' missieru tranġat, iżda Mutassam Gaddafi qatt ma reġa' assuma l-kariga tiegħu bħala *national security advisor* għaliex bdiet ir-rivoluzzjoni. Żied jgħid li:"

> *"when he became national security advisor, nobody told me that he was in the army. Everybody said that he was serving the Government. It was a political post, the national security advisor was not a military post ... he was living the life of an extraordinary business person. Everybody was calling him Doctor ...";*[16]

ix. In kontro-eżami Lisa Jacqueline van Goinga, allegatament il-mara ta' Mutassim Gaddafi, ukoll iddeponiet illi:

> *"he (Matassam Gaddafi) resigned from national security advisor in the end of two thousand and nine (2009). After the United Nations assembly, he went with the leader to New York. He had his famous speech, for a very long time. After that he had disagreement with the Prime Minister, end of two thousand and nine (2009) he spent his time with me travelling. He went to Mecca as well because he was trying to find himself and to feel peaceful. He was very sad because he had no place in the Government ..."*[17]
>
> *"... then in two thousand and eleven (2011), the uprising began in February, and he went to protect his country."*[18]

x. Fit-28 ta' Ġunju 2010 ġiet reġistrata s-soċjetà konvenuta Capital Resources Limited li għandha bħala uniku direttur, azzjonist, rappreżentant legali u ġudizzjarju, u segretarju lill-

[16] Vol. V fol. 1175
[17] Vol. VI fol. 1460
[18] Vol. VI fol. 1465

"Muatasmbllah Mummar Abuminyar" identifikat bin-numru tal-passaport 355900[19];

xi. F' ittra mibgħuta mill-awditur Joseph Sammut lill-Bank of Valletta ġie ċertifikat illi:

> *"the sole shareholder / director / secretary of Mezen International Ltd – original Libyan Passport No B/001897 – is the same person as the sole shareholder / director / secretary of new company Capital Resources Ltd – Libyan Passport No 355900."*

xii. L-istess awditur xehed illi l-assi ta' Mezen Ltd kienu ġew kollha trasferiti lill-kumpanija Capital Resources Limited[20];

xiii. Il-kontijiet ta' Mezen International Ltd mal-Bank of Valletta kienu dawn:

a. EUR Account[21] li ngħalaq fit-30 ta' Ġunju 2010 b'bilanċ ta' <u>€55,629,914.01</u>[22]. Dawn kienu flejjes li Mezen International Limited faddlet minn Settembru 2006 sal-aħħar ta' Ġunju 2010[23]. L-ewwel kreditu f'dan il-kont kien pagament ta' kważi żewġ miljuni mingħand '*Holding Libya*

[19] Vol. I fol. 106 *et seq*., Vol. III fol. 453 *et seq*
[20] Vol. VI fol. fol. 855
[21] Vol. V fol. 1190 *et seq*.
[22] Vol. V fol. 1199
[23] Vol. V fol. 1185 - 1199

*Co.'*[24]. Fis-snin sussegwenti ma kienx hemm wisq attività fl-istess kont sakemm f'Diċembru 2009 daħal *inward transfer* ta' €1,111,111 '*National Security Co ... Being Payment of Consultants Services'*[25]. Fl-istess kont daħlu wkoll pagamenti minn għadd ta' kumpaniji oħra rappreżentanti ħlas ta' *invoices* u depożiti sostanzjali (€27,000,000[26] + €9,902,800.00[27] + €7,517,000.00[28]) ġejjin minn '*Moncada'*;

b. GBP *Savings Account*[29] li ngħalaq fit-30 ta' Ġunju 2010 b'bilanċ ta' £3,006,936.92[30]. Dawn kienu flejjes li Mezen International Limited faddlet minn Ottubru 2010 sal-aħħar ta' Ġunju 2010. Fil-maġġior parti tali bilanċ (ossija minnhom £3,000,000.00) ġej minn '*Che Guevara Insurance Claim / Lead Yacht Underwrites'.* Il-kumplament huma interessi;

c. USD *Current Account*[31] li fit-30 ta' Ġunju 2020 ġie miġbud minnu l-bilanċ sħiħ ta' $21,440,606.54[32], somma

[24] Vol. V fol. 1185
[25] Vol. V fol. 1192
[26] Vol. V fol. 1195
[27] Vol. V fol. 1197
[28] Vol. V fol. 1198
[29] Vol. V fol. 1200
[30] Vol. V fol. 1203
[31] Vol. V fol. 1204 *et seq*.
[32] Vol. V fol. 1227

li Mezen International Limited faddlet minn Mejju tal-2002 sal-aħħar ta' Ġunju 2010[33] u *inter alia* tikkonsisti f'depożiti sostanzjali ($4,500,000 + $398,195.00) minn '*Moncada Ltd'*[34]. Wara li ġie miġbud il-bilanċ ta' $21,440,606.54, ġiet depożitata f'dan il-kont is-somma ta' $5,000,000 iżda l-istess ġiet miġbuda fl-istess jum[35];

d. EUR *Savings Account*[36] li, fid-29 ta' Settembru 2010, inġibdet minnu s-somma ta' €2,994,877.53[37]. Għalkemm dan il-kont għadu miftuħ, illum m'għandux flus fih;

e. USD *Savings Account*[38] li ngħalaq fis-6 ta' April 2009 b'bilanċ ta' $57,273.71[39];

f. USD *fixed account*[40] li f'Lulju 2010 ingħalaq wara li nġibdet minnu s-somma ta' $12,441,663.62[41];

[33] Vol. V fol. 1204 - 1227
[34] Vol. V fol. 1227
[35] Vol. V fol. 1228
[36] Vol. V fol. 1239
[37] Vol. V fol. 1239
[38] Vol. V fol. 1245
[39] Vol. V fol. 1266
[40] Vol. V fol. 1308
[41] Vol. V fol. 1338

g. *Business loan* ta' €5,500,000 li nħareġ f'April 2010[42] u tħallas għal kollox fi Frar 2011[43].

xiv. Rappreżentanti tal-Bank of Valletta kkonfermat[44] illi s-soċjetà konvenuta Capital Resources Limited tiddetjeni sitt (6) kontijiet bankarji mal-imsemmi bank, ossija:

a. Kont *savings* intestat bħala '*Capital Resources Account Visa Gold'* li nfetaħ fit-18 ta' Ġunju 2010 u għadu miftuh b'bilanċ ta' €122,770.10[45]. Dawn huma flejjes li qabel kienu *credit balance* f'Gold Card li ħarġet fit-30 ta' Ġunju 2010 f'isem Mutsambllah Abumenyar iżda ġiet immarkata *lost without re-issue* fl-20 ta' Frar 2011[46];

b. Kont *savings* intestat bħala '*Capital Resources Visa Platinum Account'* li nfetaħ fit-18 ta' Ġunju 2010 u għadu miftuh b'bilanċ ta' €84,781.98[47]. Dawn huma flejjes li qabel kienu *credit balance* f'*Platinum Card* li ħarġet fit-30 ta' Ġunju 2010 f'isem Mutsambllah Abumenyar u ngħalqet fit-28 ta' Frar 2011[48];

---

[42] Vol. V fol. 1365
[43] Vol. V fol. 1366
[44] Vol. III fol. 464 *et seq*.
[45] Dok. JB 4 Vol. III fol. 601 *et seq*.
[46] Dok JB 6 Vol. III fol. 607 *et seq*.
[47] Dok JB 5 Vol. III fol. 604 *et seq*.
[48] Dok. JB 7 Vol. III fol. 616 *et seq*

c. Kont *savings* f'liri Sterlina li nfetaħ fit-28 ta' Ġunju 2010 u fit-30 ta' Ġunju 2010 ġiet depożitata fih is-somma ta' £3,006,936.92[49]. Dan il-kont għadu miftuh u fih bilanċ ta' £3,015,992.98[50];

d. Kont *savings* f'Dollari Amerikani li nfetaħ fit-28 ta' Ġunju 2010[51] u fit-30 ta' Ġunju 2010 ġiet depożitata fih is-somma ta' $21,440,606.54. L-istess għadu miftuh u fih bilanċ ta' $38,750,920.21[52];

e. Kont *savings* f'Ewro li nfetaħ fit-28 ta' Ġunju 2010 u fit-30 ta' Ġunju 2010 ġiet depożitata fih is-somma ta' €55,629,914.01[53]. L-istess għadu miftuh u fih bilanċ ta' €56,327,144.31[54]; u

f. *Buisness loan account*, infetaħ fit-12 ta' Awwissu 2010 u ngħalaq fit-28 ta' Frar 2011 però qatt ma saru tranżazzjonijiet fih.

[49] Dok. JB 1 Vol. III fol. 468
[50] Dok. JB 1 Vol. III fol. 533
[51] Dok. JB2 Vol. III fol. 534 *et seq*
[52] Dok. JB2 Vol. III fol. 594
[53] Dok. JB3 Vol. III fol. 595 *et seq*.
[54] Dok. JB3 Vol. III fol. 600

xv. Ir-rappreżentanti tal-Bank of Valletta kkonfermat illi hija ma sabet ebda kont mal-BOV personalment f'isem il-konvenut Mutassam Gaddafi / Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi / Muatasimbllah Muammar Abuminyar / Muatassim Qadhafi / Moatassam Ghaddafi / Dr Muatasimballah Abumi[55];

xvi. Mid-dokumenti li hemm fl-atti jirrizulta li Gaddafi nqatel fl-20 ta' Ottubru 2011.[56] Skont Mohamed Mustafa Sadri, li xehed in rappreżentanza tal-Ministeru tad-Difiża tal-Libja, Gaddafi kien liebes ta' suldat meta sparawlu[57];

xvii. B'riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda numru 1970 tal-2011 *inter alia* ħarġet *travel ban* fil-konfront ta' Mutassam Gaddafi u l-assi tiegħu ġew iffriżati[58]. Rappreżentant tas-*Sanctions Monitoring Board* għall-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta xehed illi n-natura tal-assi in kwistjoni jikkonsistu fil-kumpanija konvenuta Capital Resources Limited[59];

xviii. Fis-sena 2012 il-Gvern tal-Istat tal-Libja wettaq eżerċizzju sabiex jidentifika u jirkupra fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħra li kienu ġew miksuba / miżmuma abbużivament

[55] Vol. III fol. 464 *et seq*.
[56] Vol. I fol. 7, Vol. V fol. 1128, Vol. V fol. 1134
[57] Vol. V fol. 1134
[58] Vol. III fol. 638
[59] Fol. Vol. III fol. 638 *et seq*.

minn persuni li kienu assoċjati direttament jew indirettament mat-tmexxija tal-*ex* reġim Libjan;

xix. Fis-17 ta' Settembru 2014 infetħet din il-kawża. Mill-provi ma rriżultax li nfetħu xi proċeduri ġudizzjarji ġewwa l-Libja dwar il-pretensjoni tal-Istat tal-Libja.

**<u>Raġuni għar-referenza</u>**.

14. Dwar il-meritu l-Qorti Ċivili, Prim'Awla ibbażat id-deċiżjoni fuq il-liġi numru 10 tas-sena 2002 (The Purge Law) (fol. 917 *et seq*. tal-atti) u l-liġi 3 tas-sena 1986 (*From where have you got this ?*)[60] (fol. 967 *et seq*).

<u>Liġi numru 3 tas-sena 1986.</u>

15. Il-liġi numru 3 tas-sena 1986[61] kienet promulgata qabel '*The Purge Law'.* Skont il-preambolu ta' dik il-liġi, liġi numru 3 tas-sena 1986 ġiet meħuda in konsiderazzjoni meta fl-2002 *The General People's Congress* għadda l-*Purge Law*[62]. Liġi li titratta dwar qligħ jew benefiċċju illeċitu, provenjenti *inter alia* minn *"(1).... favoritism or threat or violation of law or abuse of occupation or profession or status or influence or it is*

[60] Skont it-traduzzjoni bl-Ingliż li hemm fl-atti, dan hu t-titolu ta' liġi numru 3 tas-sena 1986.
[61] Vol. IV fol. 967 *et seq*.
[62] Vol. IV fol. 917 *et seq*.

*of unknown source or cause or is not commensurate with the person's legitimate resources"*.

16. L-Artikoli 1 sa 3 ta' dik il-liġi jiddefinixxu reati. L-Artikolu 4 imbagħad jistabbilixxi l-pieni relattivi. L-Artikolu 5 ukoll jiddefinixxi reati u l-piena għall-istess. Imbagħad l-Artikolu 6 jipprovdi:

> *"The court shall order the restitution of funds which are proved to be illicitly gained and the Public Treasury shall have the said funds as a right which shall be collected by administrative means prescribed for the collection of public funds."*

Liġi numru 10 tal-2002 (Purge Law).[63]

17. Din il-liġi għandha l-iskop li tiżgura li uffiċjali pubbliċi u impjegati tal-Istat, fosthom *'the armed members of the nation',* ma jużawx / jabbużawx mill-pożizzjoni tagħhom biex jagħmlu gwadan illeċitu ta' / minn fondi pubbliċi.

18. Skont l-Artikolu 6:

> *"Money or commission shall be deemed stealing or illicitly gained, if it is obtained by any of the aforementioned entities that are subject to the provisions of this law, WHETHER for himself for someone else, by means of abusing his position or misusing his authority or BY nepotism or threat or influence whether directly or indirectly, or IF the gain is generated through currency trading or trading in the basic commodities OR other economic activities legally prohibited.Any growth in the financial disclosure after gaining office or status shall be deemed stealing and illicit gain when the said growth is not commensurate with any of aforementioned entity's sources or those of his wife or his minor*

[63] Vol. IV fol. 917

> *children and FOR WHICH he is unable to prove the lawful source OF the said growth.Any money or material advantage shall be deemed stealing or illicit gain when it is obtained by aforementioned provisions of the law."*

19. Min hu soġġett għal dik il-liġi għandu jissottometti, *entro* t-termini stabbiliti, *financial disclosure* għalih innifsu, għal martu u wliedu minuri. Dawn jiġu eżaminati minn '*Purification Committees"* li għandhom ukoll l-obbligu li jeżaminaw ilmenti dwar gwadan illeċitu, jagħmlu investigazzjonijiet ulterjuri u finalment jippreparaw rapport dwar l-eżitu tal-investigazzjoni, l-azzjoni meħuda u r-raġunijiet għal hekk (Artikoli 7 u 8).

20. Skont l-Artikolu 9, jekk jirriżulta suspett ta' gwadan illeċitu jew li ġiet mistura informazzjoni, il-Kumitat għandu jirreferi dan lill-*Public Prosecutor's Office* biex jinvestiga u jieħu azzjoni. F'dan il-kuntest l-Artikolu 12 jipprovdi illi:

> *"The Public Prosecutor's Office may request to include in the <u>civil part of the lawsuit</u> the spouse and the children or anyone else whom the Office finds benefitted from illicit gain to issue a verdict of restitution, which shall be final. The restitution of the money shall be equal to the amount obtained as illicit gain. The Public Prosecutor's Office may request to include any person who collaborated with accused person in obtaining the illicit gain or colluded to hide it's proceeds. A verdict of restitution shall be issued and shall include all the concered parties*".

21. M'hemmx dubju li skont din il-liġi, l-azzjoni prinċipali kontra l-akkużat hi ta' natura kriminali (ara wkoll l-Artikoli 14, 18, 23, 24, 25, 26, 27). Ovvjament proċeduri kriminali kontra Gaddafi ma setgħux jittieħdu għaliex mejjet. Li għamel l-attur *nomine* hu li fetaħ kawża ċivili f'Malta u

bbaża l-pretensjoni tiegħu fuq dak li tipprovdi l-liġi Libjana. L-għan aħħari wara l-kawża hu sabiex l-Istat Libjan jirkupra l-flus li Gaddafi ddepożita f'kont bankarju f'Malta f'isem kumpanija reġistrata f'Malta li fiha hu kien l-azzjonist. Flus li l-Istat Libjan isostni li hu qligħ illeċitu li Gaddafi għamel bi ksur tal-liġi Libjana. L-attur *nomine* jrid li l-qrati Maltin japplikaw l-imsemmija liġijiet tal-Istat Libjan, li l-appellanti jsostnu li huma ta' natura kriminali.

22. L-Artikolu 11(3) jipprovdi:

> *"Death shall not prevent the restitution of the money obtained from illiċit gain, even after the said money have been relinquished to the heirs if the restitution is established by a decision issued by the People's Court".*

23. Ħadd mill-partijiet ma ppreżenta opinjoni legali dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet tal-Istat Libjan.

24. Regolament 864/2007 (Ruma II) jitratta dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. L-Art. 1 jipprovdi:-

> *"1. Dan ir-regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu kunflitt ta' liġijiet, għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali. Huwa ma għandux japplika b'mod partikolari għal materji fiskali, doganali u amministrattivi jew għar-responsabbilta' ta' l-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorita' ta' l-Istat ('acta iure imperii')".*

25. B'mod preliminari jrid jiġi determinat jekk l-imsemmi regolament japplikax. Dan fis-sens jekk il-kwistjoni hijiex materja ċivili jew

kummerċjali, skont l-Art. 1(1) tal-imsemmi Regolament, u hijiex materja amministrattiva. Materja ta' interpretazzjoni ta' liġi tal-Unjoni Ewropea.

26. Għalkemm il-Qorti tat l-opportunità lid-difensuri tal-partijiet sabiex jagħmlu sottomissjonijiet dwar hemmx ħtieġa li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, mis-sottomissjonijiet li saru ma qalu xejn li jista' jikkonvinċi lill-Qorti li m'hemmx bżonn. Saħansitra, l-attur *nomine* qal li jekk din il-qorti hi tal-fehma li hemm il-ħtieġa li ssir, għandha ssir u m'għandux sottomissjonijiet x'jagħmel.

**<u>Domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.</u>**

Għaldaqstant, il-Qorti tordna li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għal deċiżjoni preliminari taħt l-Art. 267 tat-TFEU dwar jekk:

1. Il-kunċett ta' 'materji ċivili u kummerċjali' fl-Art. 1 tar-Regolament 864/2007 jinkludi pretensjoni bħal dik li għamel l-Istat tal-Libja taħt l-imsemmija liġijiet biex jirkupra ġid li hawn f'Malta tal-mejjet Mutassim Gaddafi?

2. L-eċċezzjoni ta' materji amministrattivi li jissememw fl-art. 1 tar-Regolament 864/2007 tinkludi pretensjoni bħal dik li għamel l-Istat

tal-Libja taħt l-imsemmija liġijiet biex jirkupra ġid li hawn f'Malta tal-mejjet Mutassim Gaddafi?

3. Jekk ir-regolament 864/2007 japplika għall-każ in eżami, x'inhi d-distinzjoni bejn l-obbligazzjoni li tirriżulta minn delitt jew kważi delitt ċivili (Artikolu 4(1) tar-regolament) u arrikkiment inġust li tirriżulta minn delitt jew kważi delitt ċivili (Artikolu 10(1) tar-regolament) f'każ bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti?

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss